# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**
**Carmel Mugliet**

**Kumpilazzjoni Nru: 66/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Mugliet ta' 52 sena, bin Carmelo u Mary xebba Gatt, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Lulju, 1962, residenti 12, Zahra , Flat 1, Triq il-Friefet, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-dientita' bin-numru 457762M.

Akkuat talli nhar it-30 ta' Dicembru, 2014, ghall-habta tas-saghtejn u ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (14:20hrs) gewwa 'Inspire', fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala:

1. Ikkometta serq ta' flus kontanti li ammontaw ghall-elf, tmien mija u erba w tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€1,884.20) ghas-spejjez tal-fondazzjoni Inspire u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz.

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara u/jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq hajt ta' gypsum liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250).

3. Kiser kundizzjoni ta' Probation moghtija lilu mill-Qorti presjeduta minn Magistrat Dr Doreen Clarke, LL.D. nhar it-28 ta' Lulju, 2014, liema decizjoni kienet wahda definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Carmel Mugliet bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta'Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi tral-prosekuzzjoni.

Rat li f'l-udjenza mizmuma nhar is-7 ta' Marzu 2016 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat il-presentencing rapport redatt mill-ufficjal tal-probation nominata ghal dan il-ghan.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu u anke r-rakkomandazzjonijiet ta'l-ufficjal tal-probation.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 264, 267, 289, 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u

23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet mihgjuba kontra tieghu u ghar-reati odjerni tikkundannah sentejn prigunerija; peress li dn il-Qorti kif diversemant preseduta diga ttrattat ma'l-imputat ghar-reati li ghalihom instab hati fit-28 ta' Lulju 2014, il-Qorti mhux ser terga titratta ma l-imputat fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**